Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' Ġunju 2016**
**(OR. en)**

**9949/16**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0070 (COD)**

**SOC 394**
**EMPL 261**
**MI 428**
**COMPET 359**
**CODEC 835**
**JUSTCIV 164**

**RAPPORT**

| | |
|---|---|
| minn: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti |
| lil: | Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 9309/16 SOC 339 EMPL 235 MI 366 COMPET 312 CODEC 714 JUSTCIV 120 |
| Nru dok. Cion: | 6987/16 SOC 144 EMPL 97 MI 142 COMPET 118 CODEC 279 - COM(2016) 128 final + ADD 1 - ADD 2 |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi<br>- Rapport ta' progress |

## I. INTRODUZZJONI

Fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni adottat proposta li temenda d-Direttiva 96/71/KE[1] dwar l-impjieg tal-ħaddiema. Il-proposta hija reviżjoni mmirata li għandha l-għan li tiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-fornituri tas-servizzi u fl-istess ħin tipproteġi il-ħaddiema stazzjonati.

Skont il-Kummissjoni, id-Direttiva li għandha għoxrin sena ma għadhiex tirrifletti b'mod xieraq l-iżviluppi li saru mill-1996 'l hawn u s-sitwazzjoni attwali fis-swieq tax-xogħol, bħaż-żieda konsiderevoli tad-divrenzjar fis-salarji fil-pajjiżi emittenti u ospitanti.

[1] Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi, ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1–6.

Fl-10 ta’ Mejju 2016, ġie fi tmiemu perijodu ta’ tmin ġimgħat għall-konsultazzjoni tal-parlamenti nazzjonali. Sa din id-data, il-parlamenti nazzjonali ta’ 11-il Stat Membru kienu bagħtu opinjonijiet motivati li ammontaw għal 22 vot. Għaldaqstant, intlaħaq il-limitu ta’ terz tal-voti li jagħti bidu għall-hekk imsejħa proċedura tal-karta s-safra. Skont l-Artikolu 7 (2) tal-Protokoll Nru 2[2] anness għat-Trattati, il-proposta għandha tiġi rieżaminata mill-Kummissjoni li tista’ tiddeċiedi li żżomm, temenda jew tirtira l-proposta.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali (GĦKS) iddiskuta l-proposta f’ħames okkażjonijiet, u l-aħħar laqgħa tal-GĦKS saret fit-2 ta’ Ġunju 2016. Fil-GĦKS tat-13 ta’ Mejju, grupp ta’ delegazzjonijiet talbu li tiġi sospiża kull ħidma fil-livell tekniku. Madankollu l-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet appoġġaw l-approċċ tal-Presidenza li l-ħidma titkompla sabiex jitlesta x-xogħol li kien għaddej u biex jiġu ċċarati aktar il-kwistjonijiet fil-livell tekniku, bħar-relazzjoni bejn il-proposta u r-Regolament Ruma I, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ l-opinjonijiet motivati tal-parlamenti nazzjonali u l-perijodu ta’ riflessjoni tal-Kummissjoni.

Il-Parlament Ewropew għadu ma tax il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari. Skont il-bażi ġuridika proposta tal-Artikoli 53(1) u 62 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kunsill huwa meħtieġ jaġixxi f’konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja mal-Parlament Ewropew.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, mitlub mill-Kummissjoni biex jagħti opinjoni fuq bażi fakultattiva, għadu ma tax l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta.

F’dan l-istadju, id-delegazzjonijiet kollha huma meqjusa li għandhom riżervi ġenerali ta' skrutinju dwar il-proposta. EE, DK, HU, MT, RO u UK daħħlu riżervi ta’ skrutinju parlamentari, u PL, HU u SE daħħlu riżervi lingwistiċi. LV u DK it-tnejn għandhom riżerva ta’ skrutinju speċifika.

[2] Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta’ sussidjarjetà u proporzjonalità, ĠU C 326, 26.10.2012, p. 206-209.

## II. IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL TAĦT IL-PRESIDENZA NETHERLANDIŻA

### 1. Diskussjoni fil-GĦKS responsabbli

B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet qablu li l-moviment liberu tal-ħaddiema u l-forniment liberu ta' servizzi huma prinċipji fundamentali tal-UE li jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u l-prosperità fl-UE. Qablu wkoll li l-frodi u prattiki illeċiti fir-rigward tal-istazzjonament jeħtieġ li jiġu indirizzati u trattati. Madankollu d-delegazzjonijiet kellhom fehmiet opposti dwar il-proposta tal-Kummissjoni.

Grupp ta' delegazzjonijiet kienu tal-fehma li kien prematur li jiġu proposti emendi għad-Direttiva 96/71 qabel l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-Infurzar[3] tal-2014 tkun skorriet (Ġunju 2016) u tkun ġabet riżultati tanġibbli. Huma rrifjutaw l-elementi kollha tal-proposta prinċipalment bl-argument li din tfixkel is-Suq Intern u, b'mod partikolari, l-moviment liberu tas-servizzi. Min-naħa l-oħra, grupp ieħor ta' delegazzjonijiet laqgħu l-inizjattiva bħala bażi tajba biex jitjiebu r-regoli attwali, tiżdied iċ-ċertezza legali għal min iħaddem u l-ħaddiema, u biex isir kontribut favur pożizzjoni aktar ugwali tal-ħaddiema u favur kompetizzjoni bbażata fuq l-innovazzjoni u l-ħiliet (u mhux biss fuq il-pagi). It-tielet grupp ta' delegazzjonijiet qajmu diversi mistoqsijiet u tħassib dwar il-proposta li għandhom jitwieġbu u jiġu indirizzati qabel ma tittieħed pożizzjoni finali.

**Eżami tal-Valutazzjoni tal-Impatt (VI)**

Fit-22 ta' Marzu, intbagħat kwestjonarju lid-delegazzjonijiet li għalih wieġbu 22 Stat Membru. Il-Valutazzjoni tal-Impatt (VI) ġiet analizzata u diskussa bir-reqqa mill-GĦKS fit-28 ta' April u l-Presidenza tat rapport lill-COREPER, f'konformità mal-gwida indikattiva kif tinsab fid-dok. 16024/14. Ir-rapport dwar l-eżami tal-VI jinsab fl-Addendum għad-dokument 9309/16.

[3] Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI"),
ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11-31.

## 2. Diskussjoni f'konfigurazzjonijiet oħra tal-Kunsill

Grupp ta' delegati talbu li l-proposta tiġi diskussa fil-Kunsill Kompetittività fis-26 ta' Mejju. Bi tħejjija għal dak il-Kunsill, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir ukoll fit-12 ta' Mejju. Il-Presidenza tat rapport dwar l-eżitu ta' din id-diskussjoni fil-GĦKS fit-13 ta' Mejju.

Kien hemm fehmiet opposti fir-rigward tal-effetti possibbli tal-proposta dwar il-moviment liberu tas-servizzi u l-kompetittività fis-suq intern, fuq naħa waħda, u l-ħtieġa li jiġu applikati regoli obbligatorji ugwali għall-ħaddiema u l-kumpanniji kollha li joperaw fl-istess suq, fuq in-naħa l-oħra.

Barra minn hekk, il-proposta ġiet diskussa fil-Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt Ċivili fil-11 ta' Mejju. B'mod partikolari, id-delegazzjonijiet qajmu tħassib dwar ir-relazzjoni possibbli bejn ir-Regolament Ruma I (prinċipalment l-Artikolu 8), ir-Regolament Brussell I u l-Artikolu 2a l-ġdid tal-proposta. Il-Presidenza tat rapport dwar l-eżitu ta' din id-diskussjoni fil-GĦKS fit-13 ta' Mejju.

## III. KWISTJONIJIET EWLENIN DISKUSSI FIL-GĦKS

Id-diskussjonijiet fl-GĦKS irriflettew il-kontroversja kif deskritta fil-Kapitolu I. F'dan id-dawl, huma kkonċentraw fuq il-kjarifiki rigward il-Valutazzjoni tal-Impatt u l-proposta nnifisha. Diversi Stati Membri qajmu mistoqsijiet u tħassib fir-rigward ta' għadd ta' kwistjonijiet (pereżempju subkuntrattar, aġenziji tax-xogħol temporanju u ftehimiet ta' xogħol kollettivi) u xi wħud taw suġġerimenti biex jiġi indirizzat dan it-tħassib. Fir-rigward ta' kwistjonijiet oħra (pereżempju l-istazzjonar fit-tul u r-rimunerazzjoni), id-diskussjonijiet kienu aktar profondi.

(a) <u>Bażi legali: (l-Artikoli 53(1) u 62 tat-TFUE)</u>

Il-proposta għandha l-istess bażi ġuridika bħad-Direttiva 96/71, li hija temenda, u d-Direttiva 2014/67/UE. Minkejja dan, il-kwistjonijiet ewlenin diskussi jinkludu l-idoneità tal-bażi ġuridika magħżula mill-Kummissjoni. Xi delegazzjonijiet ħassew li sabiex jiġu koperti regoli relatati mal-kundizzjonijiet ta' xogħol inkluża r-remunerazzjoni kien ikun aħjar li tiżdied bażi ġuridika taħt il-Kapitolu tal-Politika Soċjali. Xi delegazzjonijiet ħassew li r-relazzjoni mar-Regolament Ruma I kienet timplika li l-proposta tidħol fil-qasam tat-Titolu V.

Il-Presidenza tqis li jinħtieġ aktar skrutinju qabel ma wieħed jasal għal xi konklużjoni dwar il-ħtieġa li tinbidel jew titwessa' l-bażi ġuridika.

(b) <u>Stazzjonament fit-tul (l-Artikolu 2a l-ġdid) u r-relazzjoni mar-Regolament Ruma I</u>

Il-proposta tintroduċi regola li tipprevedi li meta t-tul ta' żmien mistenni jew effettiv tal-istazzjonament jaqbeż l-24 xahar, l-Istat Membru ospitanti jitqies li jkun il-pajjiż li fih abitwalment titwettaq il-ħidma. L-intenzjoni tal-Kummissjoni mhuwiex li jiġi emendat ir-Regolament Ruma I iżda li tinħoloq ċertezza legali fl-applikazzjoni tiegħu fis-sitwazzjoni speċifika tal-stazzjonament.

Il-kwistjonijiet ewlenin diskussi jinkludu l-konsistenza tal-Artikolu 2a propost mar-Regolament Ruma I, minħabba li bosta delegazzjonijiet ħassew li dan ibiddel it-tifsira tal-Artikolu 8(2) ta' dak ir-regolament fis-sitwazzjonijiet koperti mid-Direttiva 96/71. Is-Servizz Legali tal-Kunsill ħareġ opinjoni dwar il-possibbiltà li tiġi introdotta regola dwar il-konflitt ta' liġijiet fil-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema (9544/16). L-opinjoni ġiet ippreżentata u diskussa fil-grupp ta' ħidma. Bosta delegazzjonijiet laqgħu l-kjarifiki legali u s-soluzzjonijiet mogħtija. Ma saritx diskussjoni fil-fond minħabba li bosta delegazzjonijiet kienu għadhom qed janalizzaw il-kontenut tagħha u/jew ħassew li din kellha titħalla għal laqgħat futuri.

Il-Presidenza tqis li esplorazzjoni ulterjuri tal-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill tista' tgħin biex tiġi ċċarata r-relazzjoni mar-Regolament Ruma I.

(c) Remunerazzjoni (Artikolu 3(1))

Din il-proposta tissostitwixxi l-kunċett ta' 'rati minimi ta' paga' bil-kunċett ta' 'remunerazzjoni' fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet "ħorox" tal-Istati Membri ospitanti li japplikaw għal ħaddiema stazzjonati, biex b'hekk tagħmel ir-regoli u l-leġislazzjoni dwar ir-remunerazzjoni previsti fil-liġi nazzjonali jew fil-ftehimiet kollettivi applikabbli universalment applikabbli wkoll għall-ħaddiema stazzjonati.

Fir-rigward tar-remunerazzjoni, il-kwistjonijiet ewlenin diskussi jinkludu jekk kienx ċar biżżejjed li d-definizzjoni tar-remunerazzjoni u r-regoli relatati dwar l-iffissar tagħha tibqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri u s-sħab soċjali. Kwistjoni importanti oħra kienet jekk il-kunċett tar-remunerazzjoni kienx ċar biżżejjed, fir-rigward tal-kunċett ta' rati minimi ta' ħlas fid-Direttiva preżenti.

Il-Presidenza tqis li l-Kummissjoni għamlitha ċara fil-proposta tagħha kif ukoll id-dikjarazzjonijiet tagħha li l-proposta ma għandhiex l-għan li jkollha effett fuq il-kompetenza nazzjonali, fir-rigward tad-definizzjoni tar-remunerazzjoni u inkluż il-kompetenza tas-sħab soċjali fl-iffissar tas-salarji. Xi delegazzjonijiet ippreżentaw proposti għal test addizzjonali li jikkonferma dan b'mod espliċitu, b'mod partikolari l-possibbiltà ta' (ri)introduzzjoni ta' sentenza fuq il-linji tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71. Il-Presidenza tqis li dawn jistgħu jiġu esplorati aktar. Barra minn hekk, il-Presidenza tqis li jista' jsir paragun bejn il-kunċetti tar-remunerazzjoni u r-rati minimi ta' ħlas f'kuntesti nazzjonali f'każijiet magħżulin għal finijiet ta' spjegazzjoni.

(d) Ftehimiet kollettivi (tħassir tat-test fl-Artikolu 3(1) it-tieni inċiż, u l-paragrafu 10, it-tieni inċiż)

Din id-dispożizzjoni tagħmel ftehimiet kollettivi applikabbli universalment applikabbli għal ħaddiema stazzjonati fis-setturi kollha tal-ekonomija. Taħt id-Direttiva 96/71/KE preżenti, dan huwa obbligatorju biss fis-settur tal-kostruzzjoni u fakultattiva għal setturi oħra.

Fost il-kwistjonijiet prinċipali li tqajmu kien hemm jekk il-dispożizzjoni proposta tiggarantixxix b'mod adegwat l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali bħalma huma l-libertà li wieħed jistrajkja, jinnegozja, jikkonkludi u jinforza ftehimiet kollettivi. Kwistjoni importanti oħra kienet id-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar il-ftehimiet kollettivi applikabbli u l-kontenut tagħhom.

Il-Presidenza tqis li l-iskrutinju jista' jiffoka fuq modi kif jiġi espress b'mod aktar espliċitu, pereżempju fil-premessi, ir-rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali.

(e) Subkuntrattar (l-Article 3(1a) l-ġdid)

Il-proposta tintroduċi dispożizzjoni ġdida dwar is-subkuntrattar. Din il-proposta tipprovdi li l-Istati Membri, li jobbligaw lill-impriżi jwettqu subkuntrattar biss lil dawk l-impriżi li jagħtu lill-ħaddiema ċerti kondizzjonijiet dwar ir-remunerazzjoni inklużi dawk li jirriżultaw minn ftehimiet kollettivi li mhumiex applikabbli universalment, jistgħu wkoll jipprovdu li dan l-obbligu japplika wkoll għall-impriżi li jistazzjonaw ħaddiema fit-territorju tagħhom.

Fost il-kwistjonijiet li tqajmu hemm jekk din il-proposta tistax tippreġudika l-kompetenzi ta' negozjar tas-sħab soċjali, kif ukoll dwar kif l-impriżi tal-istazzjonar jistgħu jiksbu informazzjoni aġġornata dwar ir-regoli applikabbli dwar ir-remunerazzjoni.

Il-Presidenza tqis li tkun meħtieġa aktar ħidma biex jiġu ċċarati l-kamp ta' applikazzjoni u l-effetti preċiżi ta' din id-dispożizzjoni.

(f) Ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija (l-Artikolu 3(1b) l-ġdid u t-tħassir tal-Artikolu 3( 9))

Din id-dispożizzjoni tagħmel it-termini u l-kondizzjonijiet taħt l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/104/KE[4] ("Direttiva dwar Xogħol Temporanju permezz ta' Aġenzija - DXTA") obbligatorji għall-ħaddiema stazzjonati, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija u l-ħaddiema simili tal-impriżi utenti.

4 Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9-14

Fost il-kwistjonijiet li tqajmu hemm ir-relazzjoni mal-Artikolu 5 tad-DXTA. Id-delegazzjonijiet ma qablux fil-valutazzjoni tagħhom dwar kif is-sostituzzjoni tal-Artikolu 3(9) b'referenza għall-Artikolu 5 DXTA taffettwa l-kamp ta' applikazzjoni ta' trattament ugwali tal-ħaddiema permezz ta' aġenzija.

Il-Presidenza tqis li analiżi ulterjuri ta' dan l-element tista' tinkludi paragun tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5 DXTA fir-rigward tal-formulazzjoni attwali tal-Artikolu 3 (9) tad-Direttiva 96/71.

## IV. KONKLUŻJONIJIET

Ladarba l-Kummissjoni ħadet deċiżjoni dwar il-"karta s-safra", u fid-dawl ta' din id-deċiżjoni, hija r-responsabiltà tal-Presidenza li jmiss biex tkompli d-deliberazzjonijiet tal-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu.

Abbażi tal-ħidma taħt il-Presidenza Netherlandiża, inkluż il-kjarifiki mogħtija mill-Kummissjoni u skont id-deċiżjoni tagħha dwar il-"karta s-safra", jista' jiġi mistenni li aktar diskussjonijiet fil-fond dwar il-kwistjonijiet deskritti hawn fuq ser jippermettu lill-Presidenzi li jmiss biex jersqu lejn it-tfassil tal-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-proposta.